- *Dubju raġonevoli jekk flus ġewx imħallsa lura jew le jmur favur id-debitur.*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 762/2019 GM**

**Joseph Sant (K.I. 433252M)**

**vs**

**John Bonavia (K.I. 12868M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Jospeh Sant li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

l. Ir-rikorrent huwa z-ziju tar-rispett tal-intimat.

2. Ir-rikonent silef lill-intimat is-somma komplessiva ta' ħamsa u tletin elf u ħames mitt ewro (€35,500) bl-obbligu li tali somma tiġi restitwita lir-rikorrent mill-intimat sa mhux iżed tard mill-aħħar ta' Marzu tas-sena kurrenti 2019.

3. L-intimat naqas mill-obbligu tiegħu li jirrestitwixxi l-imsemmija somma ta' ħamsa u tletin elf u ħames mitt ewro (€35,500) entro t-terminu li ġie miftiehem bejniethom.

4. Minħabba f'hekk fit-2 ta' Lulju, 2019 ir-rikorrent intavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimat għall-imsemmi ammont.

5. Sussegwentement l-intimat kellem lir-rikorrent li anke minħabba fil-parentela li teżisti bejniethom ta ċ-ċans biex l-affarijiet jissolvew mingħajr il-ħtieġa ta' kawża iżda minflok l-intimat approfitta ruħu minn dal-fatt u pproċeda bil-ħruġ ta' kontro-mandat.

6. Fid-dawl ta' dan huwa bil-wisq ċar u evidenti illi r-rikorrent ma kellu ebda għażla oħra għajr li jipproċedi b'din il-kawża.

7. Ir-rikonent jaf personalment bil-fatti hawn dikjarati.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

(i) Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-intimat għandu jagħti lir-rikorrent is-somma ta' ħamsa u tletin elf u ħames mitt ewro (€35,500);

(ii) konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent l-imsemmija somma ta' ħamsa u tletin elf u ħames mitt ewro (€35,500).

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' John Bonavia li permezz tagħha eċċepixxa illi :

It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjjeż.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Fatti mhux kontestati.**

L-attur jallega li  silef €35,500 lill-konvenut; €5,500 minnhom fi flus kontanti u l-bqija b'ċekkijiet.  Il-konvenut jgħid li l-attur ma tah l-ebda flus kontanti; iċ-ċekkijiet l-attur mar isarrafhom għandu minflok mar il-Bank; tant li l-konvenut taħ l-ekwivalenti tagħhom fi flus kontanti.

Il-konvenut huwa iben oħt l-attur.  Fiż-żmien rilevanti, il-konvenut kien pitkal.  L-attur kien bidwi u raħħal.

L-attur kien ukoll jinnegozja fil-bini.  Ġieli kellu kawżi ma' terzi u darba nħareġ sekwestru kontrih.  Dan iżda kien ferm qabel iż-żmien meta ta ċ-ċekkijiet lill-konvenut.

Il-konvenut kien jixtri l-prodotti agrikoli mingħand l-attur fil-pitkalija u l-konvenut kien jagħtih b'xejn il-prodotti li ma jkunux inbiegħu biex jagħtihom bħala għalf lill-annimali.  Kien hemm affidament mill-qrib bejn l-attur u l-konvenut.  Meta beda n-negozju l-konvenut (xi għoxrin sena qabel iż-żmien rilevanti) l-attur kien silfu l-garaxx tiegħu b'xejn biex jużah bħala maħżen.  L-attur jagħraf lill-konvenut bħala bniedem bieżel u bil-għaqal, u ta' min jafdah.  Il-konvenut kien mexa sewwa fin-negozju.

**Il-verżjoni tal-attur.**

Il-prova ewlenija tal-attur, apparti l-kopji taċ-ċekkijiet, saret permezz t'affidavit li huwa għamel.  Fl-affidavit tiegħu[1] qal li għall-ħabta ta' Ġunju 2018  il-konvenut kien qallu li kien fuq biċċa negozju u kellu bżonn il-flus.  Mar fl-uffiċċju tal-konvenut fil-pitkalija u taħ tliet ċekkijiet ta' €5,000 -il wieħed.  Ftit tal-ġimgħat wara l-konvenut talbu, u huwa taħ, €5,500 fi flus kontanti. F'Settembru 2018 reġa' taħ tliet ċekkijiet ta' €5,000 kull wieħed – dejjem għan-negozju.  Jgħid illi ibnu Manwel kien preżenti fit-tliet okkażjonijiet.  Il-ftehim

[1] Fol. 23.

kien li jtih il-flus lura fl-aħħar ta' Marzu 2019. Meta talbu l-flus lura, dejjem skont l-attur, il-konvenut wieġeb li kellu jtih €20,500 u mhux €35,500. Id-diskors sar fil-pitkalija u Manwel kien preżenti wkoll. Xi ġimagħtejn wara l-konvenut mar fir-razzett tal-attur u reġa' rrepeta l-istess verżjoni. Manwel ma kienx preżenti għaliex kien imsiefer. L-attur ġab il-kopji taċ-ċekkijiet mill-HSBC. Ħadhom il-pitkalija flimkien ma' Manwel u urihom lill-konvenut. Wieġbu li t-tieni sett ta' ċekkijiet kien sarrafhomlu biex iħallas lil tal-Ballut, jew biex jixtri t-tiben, jew għal xi sekwestru li kellu. L-attur jgħid li stagħġeb għaliex la kellu dejn ma' tal-Ballut, la kien xtara tiben u lanqas kellu xi sekwestru.

Manwel għamel affidavit li jixbaħ ħafna dak li għamel missieru.[2]

Ikkontro-eżaminat, l-attur stqarr li ġieli silef flus lil nies barranin, aktarx ħbieb, għalkemm mhux b'mod regolari.[3] Lill-konvenut qatt ma kien silfu qabel. Ma staqsihx għal liema xorta ta' negozju kellu bżonn il-flus. Ma saret l-ebda skrittura ta' self. Iċ-ċekkijiet tahomlu l-għada li talabhomlu. Qatt ma talab lill-konvenut isarraflu ċ-ċekkijiet. Meta jħallas jagħmel hekk biċ-ċekkijiet, u mhux imur isarrafhom għand in-nies.[4]

Manwel Sant, ikkontro-eżaminat,[5] stqarr li missieru qatt ma qallu li kien silef flus lil terzi. Il-Qorti ssib din l-istqarrija inverosimili meta *ex admissis* Manwel kien qisu d-dell ta' missieru; kontinwament fil-kumpannija tiegħu. Manwel stqarr li kien preżenti mhux biss meta taħ iċ-ċekkijiet, imma wkoll meta l-konvenut talab il-flus lill-attur. Qabel ma missieru taħ l-ewwel tliet cekkijiet, il-konvenut qallu li kellu biċċa negozju tajba f'idejh. Ma jafx li kien hemm terminu li fih kellhom jiġu restitwiti l-flus (dan kuntrarjament għal dak li stqarr fl-affidavit tiegħu). Ma sarx diskors fuq imgħax. Iċ-ċekkijiet ingħataw quddiemu u mlihom il-konvenut stess għaliex l-attur illitterat. Ma jafx għaliex

---

[2] Fol. 30.
[3] Fol. 53.
[4] Fol. 63.
[5] Fol. 74 et seq.

missieru kien silef kollox biċ-ċekkijiet, u f'okkażjoni waħda silef bil-flus kontanti. Ma kienx ikun preżenti l-ħin kollu meta jiltaqgħu l-attur u l-konvenut. Jittawwal jara x'qed isir u jkompli fuq xogħlu jiġbor il-*leftovers* barra mill-pitkalija. Iżda l-flus *cash* lil missieru rah jagħtihom lill-konvenut; filwaqt li għad-diskors li sar dakinhar li tħallas il-*cash* ma kienx. Ma jafx li kien hemm terminu għar-radd lura tat-tieni sett ta' ċekkijiet (anke hawn kuntrarjament għal dak li xehed fl-affidavit tiegħu).

**Il-verżjoni tal-konvenut.**

Il-konvenut xehed *viva voce*. Stqarr li qatt ma ssellef f'ħajtu ħlief mill-bank fuq appartamenti. Meta l-attur taħ iċ-ċekkijiet kien hemm iben l-attur jiġbor il-ħaxix barra mill-pitkalija. Darba kien hemm preżenti fl-uffiċċju bin il-konvenut. Fiż-żewġ okkażjonijiet kien hemm Ray Borg, impjegat tiegħu, barra mill-uffiċċju li kien bl-aluminju u ħġieġ. Kien hemm il-kameras iżda r-rekording tagħhom kien tħassar għax għadda ż-żmien. Ċaħad li l-attur taħ somma *cash*. Il-konvenut stqarr li huwa flus kontanti kien ikollu, tant li saħansitra kien jagħmel tajjeb għax-xerrejja li ġieli jixtru bid-dejn. Li kieku ma jkollux flus fl-aħħar tax-xahar biex iħallas lill-bdiewa, kien jiġbed mill-garanzija ta' 39,800 li għandu. Il-figuri mlihom fuq iċ-ċekkijiet fil-pitkalija, il-bqija mlihom id-dar. Flus dak iż-żmien kellu xi €70,000 il-Bank of Valletta; l-APS xi €40,000; u xi €30,000 jew €40,000 fuq il-kumpannija li għandu huwa u martu. Kellu *overdraft* fuq il-kumpannija, li ma kienx juża'.

Jirriżulta li f'Ġunju 2018 kellu *house purchase account* mal-Bank of Valletta b'debitu ta' 31,519; *Buy to Let Home Loan* b'debitu ta' 56,387. Dawn kien qiegħed jagħmel il-pagamenti lura tagħhom regolarment.

Il-konvenut stqarr li wara li l-attur għamillu sekwestru mar ikellmu u staqsieħ l-għala għamillu hekk. L-attur wieġbu li ċ-ċekkijiet kien sarrafhom. Il-konvenut

staqsieh x'kien se jgħidilha l-Qorti u l-attur wieġbu li dik kienet biċċa tiegħu.[6] In kontro-eżami qal li waqt li kienu skambjati ċ-ċekkijiet u l-flus kienu preżenti f'okkażjoni waħda l-konvenut, ibnu u l-attur fl-uffiċċju u, fiż-żewġ okkażjonijiet, Raymond Borg kien fuq barra.[7]

Darren Bonavia, bin il-konvenut xehed, bi tweġiba għal domanda diretta mill-avukat tal-konvenut, li kien preżenti fl-uffiċċju ta' missieru f'waħda mill-okkażjonijiet meta ġew skambjati ċ-ċekkijiet u l-flus. Ra lil missieru jagħti lill-attur tliet pakketti tal-ħamsinijiet. Ma sema' l-ebda diskors.[8] Ikkontro-eżaminat, xehed li fl-okkażjoni meta kien preżenti, il-flus ingħaddu bil-magna. Kien hemm preżenti fl-uffiċċju l-attur, il-konvenut, u Darren. Jidhirlu li kien hemm iben l-attur ukoll.[9] Darren ma kienx fl-uffiċċju l-ħin kollu; kien dieħel u ħiereġ.

Raymond Borg xehed li kien impjegat bħala lavrant mal-konvenut. Minn xi tliet metri bogħod mill-uffiċċju f'okkażjoni partikolari – fil-bidu tas-sajf tas-sena 2018 - ra lill-attur jgħaddi ċ-ċekkijiet u l-konvenut jgħaddi l-flus. Ma jafx l-ammont imma jaf li kienu tliet pakketti tal-ħamsinijiet.[10] Reġa' ra ripetizzjoni tal-istess operazzjoni fl-aħħar tas-sajf. Ftakar għaliex il-konvenut ma jħallasx lill-bdiewa. Ikkontro-eżaminat, xehed li iben l-attur ma kienx fl-uffiċċju, imma barra jiġbor il-ħaxix. Jiftakar lill-konvenut jgħaddi tliet mazzi ta' flus iżda ma jiftakarx li rahom jgħodduhom.

## Piż tal-prova.

Jinkombi dejjem fuq min jallega l-eżistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjon tal-Qorti b'mod univoku u konvinċenti.

[6] Fol. 117.
[7] Fol. 397.
[8] Fol. 138,139.
[9] Fol. 436.
[10] Fol. 149.

Ippruvata l-eżistenza tal-kreditu, il-piż tal-prova tar-radd lura tagħhom iddur fuq il-konvenut. B'danakollu, f'każ ta' dubbju raġonevoli jekk l-ammont tħallasx jew le, id-dubbju jmur favur il-konvenut.

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Manuel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri illi:**[11]

> Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili, għalkem, kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kulħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esiġibilita'u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju actore non probante reus absolviturî. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor ìreus in excipiendo fit actorî, għax, jerga' jinghad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għhall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu.

## Evaluwazzjoni taż-żewġ verżjonijiet.

Il-provi ewlenin tal-attur jikkonsistu fl-esibizzjoni taċ-ċekkijiet u t'affidavit tal-attur u ta' ibnu. L-affidavit tal-iben huwa prattikament *cut-and-paste* tal-affidavit tal-missier. Hemm fih ukoll parti li fiha x'qallu missieru li qal il-konvenut: *hearsay evidence.* Il-Qorti ma tagħtix affidament sħiħ lil dan it-tip ta' xhieda, ikkonfezzjonata bogħod mill-għajnejn tal-Qorti, speċjalment minn xhud li jiġi iben l-attur. Diġa` huwa anomaluż fl-proċedura tagħna li ma jistgħux isiru domandi diretti lix-xhud waqt l-udjenza tal-Qorti; filwaqt li m'hemm l-ebda kontroll x'isir waqt li jkun qiegħed jiġi redatt affidavit. Li jkollok eżerċizzju ta' *cut-and-paste* jkompli jgħaxxaq is-sitwazzjoni.

---

[11] Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970

L-attur jallega li silef il-flus lill-konvenut minħabba li kellu bżonn il-flus għal xi negozju partikolari. Pero` ma jafx x'negozju kien. Il-konvenut tefa' dubju fuq l-allegazzjoni li kien hemm self billi wera li kellu depożiti fil-banek; għalkemm jirriżulta wkoll li kellu debiti ma' bank partikolari minħabba *house-loan*. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-konvenut kien fi stat ta' likwidita` finanzjarja; u li, jekk kellu bżonn ċertu ammont ta' flus, seta' jiġbidhom mill-bank u għalhekk ma kellux bżonn jissellef. Dan ma jeskludix li seta' ssellef mingħand zijuh xorta waħda, iżda ċertament huwa indizju li jipponta kontra l-allegazzjoni tal-attur.

Il-konvenut fetaħ id-difiża tiegħu bl-allegazzjoni ġenerika li l-pretenzjoni tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt. B'danakollu, fil-lista tax-xhieda niżżel ir-rappreżentanti tal-banek, u rappreżentanti tal-pitkalija, biex juru l-istat finanzjarju tiegħu u għalhekk minn din ix-xhieda jagħti ħjiel li ried jirribatti l-allegazzjoni li huwa ssellef mingħand l-attur. Niżżel ukoll bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili biex jixhed dwar sekwestri maħruġa kontra l-attur u proċeduri li seta' kien hemm pendenti. Dan ovvjament biex juri li l-attur kellu bżonn il-flus u jsaħħaħ il-prova tiegħu li sarraflu ċ-ċekkijiet. Mill-provi iżda ma rriżultax li l-attur kellu xi sekwestri (anke għaliex iċ-ċekkijiet issarfu u għalhekk żgur ma kienx soġġett għal xi sekwestru) u lanqas li kellu xi litiġji pendenti fiż-żmien li ħareġ iċ-ċekkijiet. Fit-trattazzjoni bil-fomm, jidher li l-konvenut ma baqax jistrieħ fuq din l-allegazzjoni tant li ntroduċa allegazzjoni ġdida – mhux sorretta mill-provi – li l-attur "sarraf" il-flus għand il-konvenut biex ikun jista' jħallas *cash* lil terzi persuni.

Il-konvenut imbagħad niżżel bħala xhieda lil ibnu Darren u lil Ray Borg mingħajr ma niżżel dwar xiex kellhom jixhdu. Fil-fatt xehdu li rawħ jagħti l-flus kontanti lill-attur in kambju taċ-ċekkijiet. Il-Qorti għokritha għajnejha meta Raymond Borg, impjegat bħala lavrant mal-konvenut, ftakar l-okkażjonijiet meta ġew mgħoddija ċ-ċekkijiet u l-flus, madwar erba' snin qabel, u saħansitra ftakar, b'mod ċar, is-sena li fiha seħħew it-transazzjonijiet.

Il-verżjoni tal-attur li silef il-flus kif ukoll il-verżjoni tal-konvenut li "sarraf" iċ-ċekkijiet huma t-tnejn ugwalment plawsibbli. B'danakollu, irrispettivament minn jekk tassew sarx self jew le, dak li verament jgħodd għall-fini ta' din il-kawża hu jekk tassew l-attur għaddiex iċ-ċekkijiet u l-*cash* lill-konvenut; u jekk dawn tħallsux lura mill-konvenut.

M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li saru, u ssarrfu, ċ-ċekkijiet. Hemm diverbju dwar il-*cash*. L-istat tal-provi huwa tali li l-Qorti jibqagħlha d-dubju jekk dan il-*cash* għaddiex mingħand l-attur għal għand il-konvenut jew le.

Dwar il-ħlas lura taċ-ċekkijiet, l-istat ta' perplessita` huwa tali li minħabba fih din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubbio pro reo*. Hemm dubju raġonevoli jekk l-ammont dovut tħallasx jew le. Dan id-dubju għandu jmur, skont it-tagħlim suċċitat, favur il-konvenut.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attur.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA